



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

---

**2011/0268(COD)**

20.6.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 (COM(2011)0607 – C7-0327/2011 – 2011/0268(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Malika Benarab-Attou

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 jistabbilixxi qafas li jħaddan fih l-azzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li jipprevedi konċentrazzjoni tal-finanzjamenti fuq għadd ta' objettivi b'rabta mal-Istrateġija Ewropa 2020. Din l-Istrateġija twiegħed seba' inizjattivi ewlenin, fosthom l-Istrateġija għall-kompetenzi u l-impjiegi l-ġodda, Żgħażaġħ fil-Mobbiltà, il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-Istrateġija diġitali.

Huwa f'dan il-kuntest li għandhom jittieħdu u jiġu żviluppanti l-prijoritajiet ta' allokkazzjoni tal-fondi.

L-Istrateġija għall-kompetenzi l-ġodda u l-impjiegi tinsisti dwar il-prevenzjoni tat-tluq kmieni mill-iskejjel u dwar il-bżonn li l-Istati Membri joffru alternattivi ta' taħriġ u ta' atgħlim skolastiku. Hija tenfasizza wkoll l-importanza tat-taħriġ u tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet li jiġġarantixxu perspettivi aħjar ta' impjeg tul il-ħajja. Ir-rapport tal-PE Nru 2011/2067 (INI) jinsisti dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSE fuq dawn il-prijoritajiet.

"Żgħażaġħ fil-Mobbiltà" għandha l-għan li jnaqqas it-tluq kmieni mill-iskola minn 15% għal 10%, u li l-perċentwali ta' dawk li jiksbu diploma tat-tagħlim superjuri jiżdied minn 31% għal 40% sal-2020. Hija tenfasizza l-livell ta' kwalifiki tal-istudenti kif ukoll taż-żgħażaġh fit-taħriġ. Ir-rapport tal-PE Nru 2010/2307(INI) jirrakkomanda li l-FSE jawtorizza l-finanzjament ta' miżuri trażversali li jintegraw bosta dimensjonijiet, bħall-impjeg, il-mobilità, l-integrazzjoni soċjali u l-azzjonijiet kulturali.

Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tippromwovi l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni soċjali fid-diversi forom li din jista' jkollha tul il-ħajja. Il-Parlament Ewropew, fir-rapport tiegħu Nru 2011/2052(INI) jirrakkomanda li l-FSE jikkontribwixxi f'din l-inizjattiva ewlenija u jitlob li l-Kummissjoni "ssaħħaħ l-involviment, fit-tfassil ta' strateġija Ewropea (...) tas-soċjetà ċivili organizzata u tal-partijiet interessati kollha"<sup>1</sup>.

Fl-aħħar nett, l-Istrateġija diġitali għandha l-għan li tnaqqas bin-nofs id-defiċits fil-kompetenzi u fil-kapaċitajiet diġitali sal-2015, u tirrakkomanda t-twaqqif ta' taħriġ fit-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tl-Komunikazzjoni għall-adulti. Hija tipprevedi pjan ta' azzjoni għal-litteriżmu u azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ fil-kompetenzi diġitali għall-gruppi li jinsabu friskju ta' esklużjoni.

Din l-opinjoni għandha l-għan li tenfasizza l-iktar aspetti evitati tal-FSE, bħall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, iż-żgħażaġh, id-dimensjoni kulturali, it-taħriġ u l-isport.

### *Iż-żgħażaġh*

Il-proposta għal regolament tinkludi t-tnaqqis fit-tluq kmieni mill-iskejjel u l-promozzjoni tal-ugwaljanza fl-aċċess għal tagħlim preskolastiku, primarju u sekondarju ta' kwalità tajba, kif ukoll l-importanza tal-ġlieda kontra l-qgħad taż-żgħażaġh. Hija għandha għalhekk tinsisti fuq

---

<sup>1</sup><http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=REPORT&reference=A7-2011-0370&language=EN#title1>

il-kunsiderazzjoni tat-tħassib ta' din il-ġenerazzjoni li tinsab fil-qalba tal-kriżi, u ssemmiha b'mod ċar bħala benefiċjarja tal-finanzjamenti, filwaqt li jiġu finanzjati azzjonijiet li jiffavorixxu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetà.

### *Aspetti kulturali*

Il-Kunsill, fil-"Konklużjonijiet dwar il-kompetenzi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-bini tal-kapital intellettuali tal-Ewropa" tiegħu, jistieden lill-Istati Membri "jilqgħu l-kontribut tal-kompetenzi kulturali u kreattivi bħala bażi għall-impjegi sostenibbli u l-innovazzjoni soċjali sabiex isir użu sħiħ tal-possibiltajiet offruti mill-(...)Fond Soċjali Ewropew"<sup>1</sup>.

Fl-istess sena, il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-potenzjal tal-industrija kulturali u kreattivi, "jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi r-riċerki u l-programmi ta' sħubija bejn l-industrija kulturali u kreattivi u s-settur tal-edukazzjoni u tat-taħriġ kif ukoll tat-taħriġ kontinwu sabiex iċ-ċittadin jingħata kompetenzi kreattivi u interkulturali, tiġu ffaċilitata l-applikazzjoni ta' tekniki u għodod kreattivi ġodda fis-settur tat-tagħlim, tissaħħaħ il-formazzjoni matul il-ħajja partikularment permezz tal-Fond Soċjali Ewropew fir-rigward ta' dan il-qasam li jinsab f'tibdil teknoloġiku";

Fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni attwali, il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp lokali u reġjonali madankollu għadha mhix preżenti ħlief f'termini ta' patrimonju kulturali u ta' turiżmu. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-fond strutturali 2014-2020 ma tikkundirax il-kultura f'termini iktar wesgħin.

Il-kultura hija madankollu marbuta fil-fond mal-kwistjonijiet ta' edukazzjoni, inklużjoni soċjali u innovazzjoni, u għalhekk mal-Istrateġija UE2020. Il-kontribuzzjoni f'bosta forom tal-kultura fl-edukazzjoni u fit-tagħlim permezz tal-iżvilupp tal-kompetenzi u tal-għarfien, fl-iżvilupp ekonomiku permezz tal-industrija kulturali u kreattivi u l-inklużjoni soċjali permezz tal-azzjoni preventiva tagħha fir-rigward ta' komunitajiet emarġinati, tiġġustifika l-fatt li l-proġetti prinċipalment kulturali jsibu posthom fl-istrumenti msemmija.

### *Sport*

L-FSE għandu jkollu post għall-isport, bħala strument li jiffavorixxi l-inklużjoni soċjali, l-integrazzjoni u l-opportunitajiet indaqs.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### **Emenda 1**

---

<sup>1</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kompetenzi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-bini tal-kapital intellettuali tal-Ewropa (ĠU C 372, 20.12.2011, p. 19.).

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-Unjoni **Ewropea** qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, il-bidla teknoloġika u forza tax-xogħol li dejjem qed tiżdied fl-età u nuqqas dejjem jikber ta' ħiliet u xogħol f'xi setturi u reġjuni. Is-sitwazzjoni kkumplikata ruħha aktar minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti, li rriżultat f'livelli oġhla ta' qgħad, li affettwat b'mod partikolari ż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli **oħra, bħall-migranti**. L-FSE għandu jimmira li jippromwovi l-impjiegi u jappoġġa l-mobbiltà tax-xogħol, jinvesti fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jiġġieled kontra l-faqar. Fil-promozzjoni tal-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol permezz tat-tisħiħ tal-mobbiltà ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, l-FSE għandu b'mod partikolari, jappoġġa s-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi (l-attivitajiet tal-EURES) f'dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ u l-informazzjoni relatata, il-pariri u s-servizzi ta' gwida f'livell nazzjonali u transkonfinali.

**Emenda 2**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Minbarra dawn il-prijoritajiet, fir-reġjuni inqas żviluppatti u l-Istati Membri, u bl-għan li jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku u l-opportunitajiet tal-impjiegi, l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika għandha tittejjeb u l-kapaċità istituzzjonali tal-partijiet interessati fil-qasam tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali għandha tissaħħaħ.

*Emenda*

(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, il-bidla teknoloġika u forza tax-xogħol li dejjem qed tiżdied fl-età u nuqqas dejjem jikber ta' ħiliet u xogħol f'xi setturi u reġjuni. Is-sitwazzjoni kkumplikata ruħha aktar minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti, li rriżultat f'livelli oġhla ta' qgħad, li affettwat b'mod partikolari ż-żgħażaġh u gruppi **soċjali** vulnerabbli. L-FSE għandu jimmira li jippromwovi l-impjiegi u jappoġġa l-mobbiltà tax-xogħol, jinvesti fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, **jappoġġa u jħeġġeġ l-intraprenditorija, speċjalment fost iż-żgħażaġh**, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jiġġieled kontra l-faqar. Fil-promozzjoni tal-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol permezz tat-tisħiħ tal-mobbiltà ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, l-FSE għandu b'mod partikolari, jappoġġa s-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi (l-attivitajiet tal-EURES) f'dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ u l-informazzjoni relatata, il-pariri u s-servizzi ta' gwida f'livell nazzjonali u transkonfinali.

*Emenda*

(5) Minbarra dawn il-prijoritajiet, fir-reġjuni inqas żviluppatti u l-Istati Membri, u bl-għan li jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku, **il-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini** u l-opportunitajiet tal-impjiegi **għal kulħadd**, l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, **inkluzja l-governanza elettronika**, għandha tittejjeb u l-kapaċità istituzzjonali tal-partijiet interessati fil-qasam tal-impjiegi, l-

edukazzjoni u l-politiki soċjali għandha tissaħħaħ.

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Fl-istess ħin, huwa essenzjali li wieħed jappoġġa l-iżvilupp u l-kompetittività tal-impriżi żgħar u medji Ewropej u jiżgura li ***n-nies jistgħu jadattaw***, permezz tal-kisba tal-ħiliet xierqa u permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, ***għal*** sfidi ġodda bħall-bidla għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien, l-aġenda diġitali, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija baxxa fil-karbonju u aktar effiċjenti fl-enerġija. L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi billi jkompli jaħdem għall-kisba tal-għanijiet tematiċi ewlenin tiegħu. F'dan il-kuntest, l-FSE għandu jappoġġa t-tranżizzjoni ***tal-forza tax-xogħol*** lejn ħiliet u impjegi aktar ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-effiċjenza tal-enerġija, l-enerġija rinovabbli u s-setturi tat-trasport sostenibbli, filwaqt li titqies l-intenzjoni tal-Unjoni biex iżżid il-proporzjon tal-baġit tal-UE li huwa relatat mal-mainstreaming tal-klima għal mill-inqas 20 % b'kontribuzzjonijiet minn oqsma tal-politika differenti.

**Emenda 4**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-

PE485.908v02-00

*Emenda*

(6) Fl-istess ħin, huwa essenzjali li wieħed jappoġġa l-iżvilupp u l-kompetittività ***attwali tal-mikrointrapriżi***, tal-impriżi żgħar u medji Ewropej, ***inklużi l-intrapriżi kulturali u kreattivi***, u jiżgura li, permezz tal-kisba tal-ħiliet xierqa u permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, ***il-persuni jistgħu jiffaċċjaw*** sfidi ġodda bħall-bidla għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien, l-aġenda diġitali, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija baxxa fil-karbonju u aktar effiċjenti fl-enerġija. L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi billi jkompli jaħdem għall-kisba tal-għanijiet tematiċi ewlenin tiegħu. F'dan il-kuntest, l-FSE għandu ***jinkludi l-kontribut tal-ħiliet kulturali u kreattivi, iħeġġeġ l-aċċess għal xogħol deċenti, u*** jappoġġa t-tranżizzjoni ***tal-ħaddiema*** lejn ħiliet u impjegi aktar ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-effiċjenza tal-enerġija, l-enerġija rinovabbli u s-setturi tat-trasport sostenibbli, filwaqt li titqies l-intenzjoni tal-Unjoni biex iżżid il-proporzjon tal-baġit tal-UE li huwa relatat mal-mainstreaming tal-klima għal mill-inqas 20 % b'kontribuzzjonijiet minn oqsma tal-politika differenti.

*Emenda*

(7) L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-

AD\904625MT.doc

Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jiżgura konċentrazzjoni akbar ta' appoġġ fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea. L-FSE għandu b'mod partikolari jżid l-appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, permezz ta' allokazżjoni minima separata għal użu preċiż. Skont il-livell tal-iżvilupp tar-reġjuni appoġġati, l-għażla u l-għadd ta' prijoritajiet ta' investiment għall-appoġġ tal-FSE għandhom ukoll ikunu limitati.

Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jiżgura konċentrazzjoni akbar ta' appoġġ fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea. L-FSE għandu b'mod partikolari jżid l-appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, permezz ta' allokazżjoni minima separata għal użu preċiż, ***u għandu jkollu l-għan li jnaqqas id-disparitajiet soċjali***. Skont il-livell tal-iżvilupp tar-reġjuni appoġġati, l-għażla u l-għadd ta' prijoritajiet ta' investiment għall-appoġġ tal-FSE għandhom ukoll ikunu limitati.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aktar mill-qrib u valutazzjoni mtejbja tar-riżultati miksuba fuq livell Ewropew permezz ta' azzjonijiet appoġġati mill-FSE, għandu jiġi stabbilit grupp komuni ta' indikaturi ta' produzzjoni u riżultati.

#### *Emenda*

(8) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aktar mill-qrib u valutazzjoni mtejbja tar-riżultati miksuba fuq livell Ewropew permezz ta' azzjonijiet appoġġati mill-FSE, għandu jiġi stabbilit grupp komuni ta' indikaturi ta' produzzjoni u riżultati ***li jqisu l-aspetti kwalitattivi bħan-natura attwali tal-proġetti ffinanzjati u l-benefiċċji f'termini tal-ħolqien ta' impjegi jew integrazzjoni***.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) L-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE tiddipendi fuq it-tmexxija tajba u s-sħubija bejn l-atturi territorjali u soċjoekonomiċi rilevanti kollha, l-aktar l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Għalhekk huwa neċessarju li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-

#### *Emenda*

(9) L-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE tiddipendi fuq it-tmexxija tajba u s-sħubija bejn l-atturi territorjali u soċjoekonomiċi rilevanti kollha, l-aktar l-imsieħba soċjali, ***l-awtoritajiet lokali*** u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Għalhekk huwa neċessarju li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni ***attiva*** tal-imsieħba soċjali, ***tal-awtoritajiet lokali***, u l-

FSE.

organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-FSE.

**Emenda 7**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali **huwa essenzjali għat-tfassil ta' politiki li huma aktar adatti għall-bidla soċjali u biex jitħeġġu u jiġu appoġġati** l-impreżi soċjali innovattivi. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi **qabel l-applikazzjoni tagħhom fuq skala akbar huma essenzjali fit-titjib** tal-effiċjenza tal-politiki u għalhekk dan jiġġustifika l-appoġġ speċifiku mill-FSE.

*Emenda*

(12) L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali **permezz tat-tħeġġiġ u l-appoġġ ta'** impreżi soċjali **u kulturali** innovattivi, **li, permezz tan-natura nnifisha tagħhom u fid-dawl tal-potenzjal tagħhom f'termini ta' impjieġ sostenibbli, jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku.** B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi **huma essenzjali għat-titjib** tal-effiċjenza tal-politiki u għalhekk dan jiġġustifika l-appoġġ speċifiku mill-FSE.

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-mobilizzazzjoni tal-partijiet interessati reġjonali u lokali hija meħtieġa għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin tagħha. Il-patti territorjali, l-inizjattivi lokali għall-impjieġi u l-inklużjoni soċjali, l-istrateġiji għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità u l-istrateġiji għall-iżvilupp urban sostenibbli jistgħu jintużaw u jiġu appoġġati biex jinvolvu b'mod aktar attiv l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-ibliet, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-programmi.

*Emenda*

(14) Il-mobilizzazzjoni tal-partijiet interessati reġjonali u lokali hija meħtieġa għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin tagħha. Il-patti territorjali, l-inizjattivi lokali għall-impjieġi u l-inklużjoni soċjali, **il-parteċipazzjoni pubblika**, l-istrateġiji għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità u l-istrateġiji għall-iżvilupp urban sostenibbli jistgħu jintużaw u jiġu appoġġati biex jinvolvu b'mod aktar attiv l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-ibliet, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-programmi.



**Emenda 9**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jitħeġġu sabiex jgħinu lill-FSE permezz ta' strumenti finanzjarji sabiex jappoġġaw pereżempju l-istudenti, il-ħolqien tal-impjiegi, il-mobbiltà tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u l-intraprenditorija soċjali.

*Emenda*

(17) L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jitħeġġu sabiex jgħinu lill-FSE permezz ta' strumenti finanzjarji sabiex jappoġġaw pereżempju l-istudenti, ***il-mobbiltà tat-tagħlim***, il-ħolqien tal-impjiegi, il-mobbiltà tal-ħaddiema, ***l-attività fiżika u l-isport***, l-inklużjoni soċjali, l-intraprenditorija soċjali ***u l-parteċipazzjoni pubblika***.

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għandu jagħmel dan billi jappoġġa l-Istati Membri fil-ħidma għall-kisba tal-prijoritajiet u l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-FSE għandu jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet, filwaqt li jqis il-linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi tar-Riforma Nazżjonali.

*Emenda*

2. Għandu jagħmel dan billi jappoġġa l-Istati Membri fil-ħidma għall-kisba tal-prijoritajiet u l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv ***sabiex jiżgura koeżjoni soċjali msaħħa***. L-FSE għandu jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet, filwaqt li jqis il-linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi tar-Riforma Nazżjonali.

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-FSE għandu jkun ta' benefiċċju għan-nies, inklużi l-gruppi żvantaġġati bħal pereżempju n-nies li jkunu qiegħda fit-tul, in-nies b'diżabbiltajiet, il-migranti, il-minoritajiet etniċi, il-komunitajiet

*Emenda*

3. L-FSE għandu jkun ta' benefiċċju għan-nies, inklużi l-gruppi żvantaġġati bħal pereżempju n-nies li jkunu qiegħda fit-tul, in-nies b'diżabbiltajiet, il-migranti, ***iż-żgħażaġh, it-tfal***, il-minoranzi etniċi, il-

marġinalizzati u **n-nies** li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali. L-FSE għandu wkoll jipprovdi appoġġ **lill-impriżi**, is-sistemi u l-istrutturi bl-għan li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal sfidi ġodda u biex jippromwovi tmexxija tajba u l-implimentazzjoni tar-riformi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-impjiegi, l-educazzjoni **u** l-politiki soċjali.

komunitajiet marġinalizzati u l-**gruppi mhedda minn jew** li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali. L-FSE għandu wkoll jipprovdi appoġġ **lill-organizzazzjonijiet**, is-sistemi u l-istrutturi bl-għan li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal sfidi ġodda u biex jippromwovi tmexxija tajba u l-implimentazzjoni tar-riformi, b'mod partikolari fl-oqsma **soċjali, soċjokulturali u kulturali**, tal-impjiegi, l-educazzjoni, **it-taħriġ** u l-isport.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt i

*Test propost mill-Kummissjoni*

i) L-aċċess **għall-impjiegi** għal dawk li qed ifittxu xogħol u għan-nies li mhumiex attivi, inklużi inizjattivi għall-impjiegi lokali u appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol;

*Emenda*

(i) L-aċċess **għax-xogħol diċenti** għal dawk li qed ifittxu xogħol u għan-nies li mhumiex attivi, inklużi inizjattivi għall-impjiegi lokali u appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol, **għall-gwida, għall-mobbiltà, it-taħriġ mill-ġdid u l-kisba ta' hili**et;

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt iii

*Test propost mill-Kummissjoni*

iii) L-impjiegi indipendenti, l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' negozji;

*Emenda*

(iii) L-impjiegi indipendenti, l-intraprenditorija u l-ħolqien, **l-iżvilupp kontinwu u t-trasferiment** ta' negozji, **partikolarment għall-mikroimpriżi u l-impriżi ż-żgħar**;

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt a - sottopunt vi

*Test propost mill-Kummissjoni*

(vi) It-tixjiħ attiv u fi stat tajjeb ta' saħħa;

*Emenda*

(vi) It-tixjiħ attiv u fi stat tajjeb ta' saħħa, ***b'mod partikolari permezz tal-isport***;

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-investiment fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja permezz ta':

*Emenda*

(b) L-investiment fl-edukazzjoni, ***it-taħriġ vokazzjonali u l-apprendistati***, il-ħiliet, ***il-kwalifiki*** u t-tagħlim tul il-ħajja permezz ta':

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità tajba fil-bidu tat-fulija, l-edukazzjoni primarja u dik sekondarja;

*Emenda*

(i) It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità tajba fil-bidu tat-fulija, l-edukazzjoni primarja u dik sekondarja ***u t-taħriġ vokazzjonali***;

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

ii) It-titjib tal-kwalità, l-effiċjenza u l-ftuħ tal-edukazzjoni terzjarja u ***ekwivalenti*** bl-għan li jiżdiedu l-livelli ta' parteċipazzjoni u ta' kisba;

*Emenda*

ii) It-titjib tal-kwalità, l-effiċjenza u l-ftuħ tal-edukazzjoni terzjarja u ***faċilitajiet ta' taħriġ professjonali*** bl-għan li jiżdiedu l-livelli ta' parteċipazzjoni u ta' kisba;

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) It-tishiĥ tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol u ż-żieda tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

*Emenda*

(iii) It-tishiĥ tal-aċċess **taż-żgħażaġh** għat-tagħlim tul il-ħajja **u l-mobilità tat-tagħlim**, it-titjib tal-ħiliet, **l-għarfien, il-kwalifiki** u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol u ż-żieda tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iia) L-appoġġ tal-promozzjoni tal-opportunitajiet u l-attivitajiet kulturali, pereżempju permezz ta' taħriġ fl-isfera kulturali, artistika u kreattiva;**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt v**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(v) Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u l-impriżi soċjali;

(v) Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u l-impriżi **kulturali u** soċjali;

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt vi a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(via) Il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni permezz tal-appoġġ tal-mikroimpriżi u dawk żgħar u medji fis-**

*setturi ewlenin, inklużi s-setturi kulturali u kreattiv, u ċerti organizzazzjonijiet mhux governattivi u kooperattivi;*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt vi b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(vib) Il-promozzjoni tal-prodotti kulturali u aċċess ikbar għal opportunitajiet kulturali u kreattivi;*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

ii) Il-bini tal-kapaċitajiet għall-partijiet interessati li **joħorġu** politiki **dwar** l-impjiegi, l-educazzjoni u **soċjali** u patti settorjali u territorjali għall-mobilizzazzjoni tar-riforma f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

(ii) Il-bini tal-kapaċitajiet għall-partijiet interessati, **b'mod partikolari l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [...], li joħroġ** politiki **soċjali u kulturali għaż-żgħażaġh**, l-impjiegi, l-educazzjoni u **t-tagħlim tul il-ħajja** u patti settorjali u territorjali għall-mobilizzazzjoni tar-riforma f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) It-titjib tal-aċċessibbiltà, l-użu u l-kwalità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, permezz tal-iżvilupp tal-kompetenza diġitali, l-investment fl-inklużjoni diġitali, il-ħiliet diġitali u l-ħiliet intraprenditorjali relatati;

(b) It-titjib tal-aċċessibbiltà, l-użu u l-kwalità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, permezz tal-iżvilupp tal-kompetenza diġitali, l-investment fl-inklużjoni diġitali, il-ħiliet diġitali u l-ħiliet intraprenditorjali relatati, **inkluż f'applikazzjonijiet maħsuba għall-**

*promozzjoni, u għall-użu aħjar ta' wirt kulturali u turiżmu kulturali materjali u mhux materjali;*

**Emenda 25**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġiċi, permezz tal-iżvilupp tal-istudji post universitarji, it-taħriġ tar-riċerkaturi, l-attivitajiet ta' netwerking u l-isħubiji bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla, iċ-ċentri tar-riċerka u teknoloġiċi u l-intrapriżi;

*Emenda*

(c) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġiċi, permezz tal-iżvilupp tal-istudji post universitarji **u ħiliet intraprenditorjali**, it-taħriġ tar-riċerkaturi, **l-iżvilupp ta' netwerk innovattiv fis-settur kulturali u kreattiv pereżempju**, l-attivitajiet ta' netwerking u l-isħubiji bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla, iċ-ċentri tar-riċerka u teknoloġiċi u l-intrapriżi;

**Emenda 26**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) **It-tisħiħ tal-kompetittività** tal-impriżi żgħar u medji, permezz tal-promozzjoni tal-adattabbiltà tal-impriżi u l-ħaddiema u aktar investiment fil-kapital uman.

*Emenda*

(d) **It-titjib tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività tal-mikrointrapriżi** u tal-impriżi żgħar u medji, permezz tal-promozzjoni tal-adattabbiltà tal-impriżi, **il-mexxejja kummerċjali** u l-ħaddiema u aktar investiment fil-kapital uman, **inkluż taħriġ għal żgħażaġh u skemi ta' apprendistat.**

**Emenda 27**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għandhom jintużaw indikaturi komuni

*Emenda*

1. Għandhom jintużaw indikaturi komuni

kif stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament u indikaturi speċifiċi għal kull programm skont l-Artikolu 24(3) u 87(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru [...]. L-indikaturi kollha għandhom jiġu espressi f'numri assoluti.

kif stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament u indikaturi speċifiċi għal kull programm skont l-Artikolu 24(3) u 87(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru [...]. L-indikaturi kollha għandhom jiġu espressi f'numri assoluti ***u għandhom iqisu l-fatturi kwalitattivi.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-involviment tal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-implimentazzjoni ta' programmi operattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [...], jista' jieħu l-forma ta' għotjiet globali kif definit fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru [...]. F'tali każ, il-programm operattiv għandu jidentifika l-parti tal-programm ikkonċernat mill-għotja globali, inkluża allokazzjoni finanzjarja indikattiva minn kull assi prijoritarju lilu.

#### *Emenda*

1. L-involviment tal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ***u l-ekonomija soċjali***, fl-implimentazzjoni ta' programmi operattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [...], jista' jieħu l-forma ta' għotjiet globali kif definit fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru [...]. F'tali każ, il-programm operattiv għandu jidentifika l-parti tal-programm ikkonċernat mill-għotja globali, inkluża allokazzjoni finanzjarja indikattiva minn kull assi prijoritarju lilu.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Sabiex titħeġġeġ parteċipazzjoni xierqa u l-aċċess mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi għal azzjonijiet appoġġati mill-FSE, l-aktar fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, l-awtoritajiet ta' ġestjoni ta' programm operattiv f'reġjun kif definit fl-Artikolu 82(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] jew fi Stati Membri li huma eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni għandhom jiżguraw li ammont

#### *Emenda*

3. Sabiex titħeġġeġ parteċipazzjoni ***attiva u*** xierqa u l-aċċess mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi għal azzjonijiet appoġġati mill-FSE, l-aktar fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali ***u kulturali***, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, l-awtoritajiet ta' ġestjoni ta' programm operattiv f'reġjun kif definit fl-Artikolu 82(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] jew fi Stati Membri li huma eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond ta'

xieraq tar-riżorsi tal-FSE jiġi allokat għall-bini tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Koeżjoni għandhom jiżguraw li ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE jiġi allokat għall-bini tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa permezz tal-mainstreaming kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...] u azzjonijiet b'mira speċifika kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a)(iv), b'mod partikolari bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa fl-impjiegi, titnaqqas is-segregazzjoni bbażata fuq is-sessi fis-suq tax-xogħol, jiġġieldu kontra l-isterjotipi skont is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja personali għall-irġiel u n-nisa.

#### *Emenda*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa permezz tal-mainstreaming kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...] u azzjonijiet b'mira speċifika kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a)(iv), b'mod partikolari bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa fl-impjiegi **u fl-intraprenditorija**, titnaqqas is-segregazzjoni bbażata fuq is-sessi fis-suq tax-xogħol, jiġġieldu kontra l-isterjotipi skont is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja personali għall-irġiel u n-nisa.

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà permezz tal-mainstreaming tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...], u permezz ta' azzjonijiet speċifiċi fi ħdan il-prijoritajiet ta' investiment kif definit fl-Artikolu 3, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c)(iii). Tali azzjonijiet

#### *Emenda*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà permezz tal-mainstreaming tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...], u permezz ta' azzjonijiet speċifiċi fi ħdan il-prijoritajiet ta' investiment kif definit fl-Artikolu 3, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c)(iii). Tali azzjonijiet



għandhom jimmiraw in-nies li għandhom riskju ta' diskriminazzjoni u nies b'diżabbiltà, bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali tagħhom, jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'termini ta' kisba edukattiva u l-istat tas-saħħa u tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fuq il-komunità.

**Emenda 32**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw temi għall-innovazzjoni soċjali, li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-programmi operattivi tagħhom.

**Emenda 33**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-bini tal-kapaċitajiet għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tat-tagħlim reċiproku, l-istabbiliment ta' netwerks, u t-tixrid tal-prassi tajba u tal-metodoloġiji.

**Emenda 34**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

għandhom jimmiraw in-nies li għandhom riskju ta' diskriminazzjoni u nies b'diżabbiltà, bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali tagħhom, jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'termini ta' **edukazzjoni, aċċess għall-kultura**, kisba edukattiva u l-istat tas-saħħa u tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fuq il-komunità.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw temi għall-innovazzjoni soċjali, li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-programmi operattivi tagħhom, **inkluż ukoll suġġetti marbuta maż-żgħażaġh u mal-kultura**.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-bini tal-kapaċitajiet għall-innovazzjoni soċjali **u kulturali**, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tat-tagħlim reċiproku, l-istabbiliment ta' netwerks, u t-tixrid tal-prassi tajba u tal-metodoloġiji.

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-kooperazzjoni transnazzjonali bl-għan li jippromwovu t-tagħlim reċiproku u b'hekk iżidu l-effettività tal-politiki appoġġati mill-FSE. Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha tinvolvi l-imsieħba minn mill-inqas żewġ Stati Membri.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-FSE jista' jappoġġa strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru [...], patti territorajli u inizjattivi lokali għall-impjiegi, l-edukazzjoni u ***l-inklużjoni soċjali***, kif ukoll Investimenti Territorjali Integrati (ITI) kif imsemmi fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru [...].

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Bħala għajnuna għall-interventi tal-FEŻR kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [FEŻR], l-FSE jista' jappoġġa l-iżvilupp urban sostenibbli permezz ta' strateġiji li jistabbilixxu azzjonijiet integrati sabiex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani tal-ibliet li huma elenkati fil-kuntratt ta' sħubija.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-kooperazzjoni transnazzjonali bl-għan li jippromwovu ***d-dialogu interkulturali u*** t-tagħlim reċiproku u b'hekk iżidu l-effettività tal-politiki appoġġati mill-FSE. Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha tinvolvi l-imsieħba minn mill-inqas żewġ Stati Membri.

*Emenda*

1. L-FSE jista' jappoġġa strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru [...], patti territorajli u inizjattivi lokali għall-impjiegi, l-edukazzjoni, ***l-inklużjoni, il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini, iż-żghażaġh u l-isport***, kif ukoll Investimenti Territorjali Integrati (ITI) kif imsemmi fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru [...].

*Emenda*

2. Bħala għajnuna għall-interventi tal-FEŻR kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [FEŻR], l-FSE jista' jappoġġa l-iżvilupp urban sostenibbli permezz ta' strateġiji li jistabbilixxu azzjonijiet integrati sabiex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, soċjali ***u kulturali*** li jaffettwaw iż-żoni urbani tal-ibliet li huma elenkati fil-kuntratt ta'

sħubija.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Il-Fond Soċjali Ewropew, u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006	
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0607 – C7-0327/2011 – 2011/0268(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 25.10.2011	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 25.10.2011	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Malika Benarab-Attou 27.1.2012	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.2.2012	25.4.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.6.2012	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21 -: 0 0: 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Santiago Fisas Ayxela, Lorenzo Fontana, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Ivo Belet, Seán Kelly, Iosif Matula, Rui Tavares	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mario Pirillo	